

32006R1877

19.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 360/133

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1877/2006**ta' 18 ta' Diċembru 2006**

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 878/2004 li jippreskrivi miżuri tranżitorji skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għal ġerti prodotti sekondarji ta' annimali kklassifikati bħala materjali tal-Kategoriji 1 u 2 u maħsuba għal għanijiet tekniċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkundsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jip-preskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman⁽¹⁾, u partikolarm l-Artikoli 4(4), 5(4) u 32(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jippreskrivi regoli sanitarji li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Dak ir-Regolament jiddefinixxi l-prodotti sekondarji ta' l-annimali bħala materjali tal-Kategoriji 1, 2 u 3, skond ir-riskju li jirrappreżentaw dawn il-prodotti.
- (2) Skond dak ir-Regolament, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali għajr dawk il-materjali fil-Kategorija 1 jew 3 huma definiti bħala materjal tal-Kategorija 2, irrisspettivament minn kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra fir-rigward tar-riskju li dawn il-prodotti jirrappreżentaw. L-użu permess ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali għal skopijiet ta' għalf jiddependi fuq jekk dan il-materjal huwiex definit bħala materjal tal-Kategorija 1, 2, jew 3. Filwaqt li ġertu materjal tal-Kategorija 3 jista' jintuża għal skopijiet ta' għalf, il-materjal tal-Kategorija 2 ġeneralment jiġi eskuż minn użu bħal dan.
- (3) Madankollu, ġerti prodotti sekondarji ta' l-annimali li jistgħu jitqiesu li għandhom riskju baxx ma jaqgħux fid-definizzjoni tal-materjal tal-Kategorija 3 fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002. Awtomatikament, id-definizzjoni ta' dan il-materjal bħala materjal tal-Kategorija 2 ma tikkorrispondix mar-riskji li dawn il-prodotti jirrappreżentaw.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 878/2004 li jip-preskrivi miżuri tranżitorji skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għal ġerti prodotti sekondarji ta' annimali kklassifikati bħala materjali ta' Kategorija 1 u 2 u maħsuba għal għanijiet tekniċi⁽²⁾ ġie adottat sabiex jippermetti l-issuktar tat-tqegħid fis-suq, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-tranżitu ta' ġerti prodotti sekondarji ta'

⁽¹⁾ ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 25).

⁽²⁾ ĠU L 162, 30.4.2004, p. 62.

l-annimali definiti bħala materjal tal-Kategoriji 1 u 2, maħsuba esklusivament għal użi tekniċi

- (5) Ir-Rapport dwar il-prodotti sekondarji ta' l-annimali⁽³⁾ adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Ottubru 2005 u ppresentat lill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2005 jirrifletti d-diffikultajiet li jirrigwardaw id-definizzjoni ta' ġertu materjal bħala materjal tal-Kategorija 2 u jipprevedi għadd ta' emendi għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 matul ir-reviżjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni skedata li tibda fi tmiem l-2006.
- (6) Sakemm isiru dawk l-emendi għandu jkun possibbi l-użu ta' ġerti prodotti sekondarji ta' l-annimali b'riskju baxx, li bħalissa jinsabu definiti bħala materjal tal-Kategorija 2, għal ġertu tip ta' għalf u għal skopijiet tekniċi. Għaldaqstant, l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 878/2004 għandu jitwessa' sabiex jippermetti l-użu ta' ġertu materjal tal-Kategorija 2 b'riskju baxx għall-manifattura ta' prodotti tekniċi u għal ġerti prodotti sekondarji ta' l-annimali.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 878/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 878/2004 huwa emendat kif ġej:

- (1) It-titlu jinbidel b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 878/2004 tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri tranżitorji għal ġerti prodotti sekondarji ta' l-annimali ddefiniti bħala materjali tal-Kategoriji 1 u 2, skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill"

⁽³⁾ COM (2005)521 Finali.

(2) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 1”

Ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti sekondarji ta' annimali li ġejjin, iddefiniti bħala materjal tal-Kategorija 1 jew 2 fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 u maħsuba esklusivavment għal użi tekniċi:

- (a) ġlud (*hides u skins*) idderivati minn annimali li ġew ittrattati b'sustanzi li huma pprojbiti skond id-Direttiva 96/22/KE (*);
- (b) xaħmijiet *rendered* idderivati minn materjali tal-Kategorija 1 prodotti permezz tal-Metodu 1 kif imsemmi fil-Kapitolu III ta' l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, u, fil-każ tax-xaħmijiet *rendered* minn annimali li jixtarru, ġew ippurifikati biex il-livell massimu tat-total ta' impuritajiet insolubbli jibqa' ma jeċċe-dix 0,15 % tal-piż, u derivattivi ta' xaħam idderivat li jissodisfaw għall-inqas l-standards isemmija fil-Kapitolu III ta' l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;
- (c) intestini ta' annimali li jixtarru (bil-kontenut jew min-ġħajru); kif ukoll
- (d) għadam u prodotti ta' l-ġħadam li jkun fihom il-kolonna vertebrali u l-kranji, u qrun ta' annimali ta' l-ifrat li kienu tneħħew mill-kranju permezz ta' metodu li ħalla l-kavità tal-kranju intatta.

Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal prodotti sekondarji ta' l-annimali dderivati mill-annimali msemmija fl-Artikolu 4(1)(a)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti sekondarji ta' l-annimali li ġejjin, iddefiniti bħala materjal tal-Kategorija 2 fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 skond l-Artikolu 5(1)(g) ta' dak ir-Regolament, li huma maħsuba biex jintemgħu lill-annimali għajr annimali terrestri tar-razzett, biex jintemgħu lil annimali li jitrabbew għall-fer jew għal użi tekniċi, inkluż bħala lixka fis-sajd.

- (a) invertebrati terrestri għajr speċi patoġeniċi għall-annimali jew għall-bnedmin, inklużi kwalunkwe mill-għamlet li jittrasformaw fihom, bħal-larvi;
- (b) annimali akkwatiċi, għajr mammali tal-baħar, jekk mhux dawk li jorġinaw mill-akkwakultura;

(c) annimali ta' l-akkwakultura mrobbija spċificament bl-iskop li jintużaw bħala lixka fis-sajd, sakemm il-lixka ma tintużax fl-akkwakultura mingħajr ma tiġi pproċes-sata qabel;

- (d) annimali li jinsabu fl-ordnijiet żooloġiċi *Rodentia* u *Lagomorpha*, inklużi dawk miżmuma bħala annimali mrobbija għall-produzzjoni ta' prodotti li jorġinaw mill-annimali; kif ukoll
- (e) prodotti dderivati mill-annimali msemmija f'(a) sa (d) jew prodotti minnhom, bħall-bajd tal-ħut, iżda minbarra għalf mitħun idderivat mill-annimali msemmija f'(d).

(*) ĠU L 125, 23. 5.1996, p. 3.”

(3) L-Artikolu 1a li jmiss jiddahħħal:

“Artikolu 1a”

Deroga rigward dokumenti kummerċjali u ċertifikati sanitari

B'deroga mill-punt 1 tal-Kapitolu III ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament preżenti jistgħu jiġu forniti minn bejjiegħha lill-utenti aħħarja, għajr in-negożjanti, mingħajr ma jkunu akkumpanjati b'dokument kummerċjali matul it-trasport jew, meta rikjest mir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, minn ċertifikat sanitari.

- (4) Fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2, ir-referenza għall-“punti (c) u (d) ta' l-Artikolu 1” tinbidel b'referenza għall-“punti (c) u (d) ta' l-Artikolu 1(1)”.
- (5) Fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 3, ir-referenza għall-“punt (a) ta' l-Artikolu 5” tinbidel b'referenza għall-“paragrafi (1) jew (2) ta' l-Artikolu 5, skond liema jkun xieraq”.
- (6) L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 4(2) tinbidel b'dan li ġej:

“Fir-rigward tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1(1), kunsinni importati u kunsinni fi tranżit u għandhom ikunu diretti skond il-proċedura ta' monitora gg-ipprovduta fl-Artikolu 8 (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE (*)

(*) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.”.

(7) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

(d) lil ażjenda jew stabbiliment li jżommu l-annimali skond ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

"Artikolu 5

Rekwiżiti ta' tikkettar, twassil, żamma tar-reġistri u trattament

1. Barra mir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni pprovduti fil-Kapitolu I tal l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, il-pakketti kollha ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom tikketta li tindika 'IPPROJBIT FL-IKEL, L-GĦALF, IL-FERTILIZZATURI, IL-KOŻMETIĊI, IL-PRODOTTI MEDIĊINALI U L-ISTRUMENTI MEDIĊI'.

Madankollu, fil-każ ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali maħsuba għal prodotti mediċinali f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, tista' tintuża tikketta differenti li għandha tindika 'MAĦSUB GĦAL PRODOTTI MEDIĊINALI BISS'.

2. Il-pakketti kollha tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkollhom tikketta li tindika 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM', sakemm ma jitilqux f'pakketti lesti għall-bejgħ li jindikaw li l-kontenut huwa maħsub għat-tmigħ lill-annimali domestiċi biss jew għall-użu bħala lixka fis-sajd.

3. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom jitwasslu lil impjant tekniku speċjalizzat fl-użu ta' materjali bħal dawn u li ġie approvat skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2) jistgħu jitwasslu wkoll:

(a) lil impjant intermedju approvat skond l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

(b) lil impjant għall-ħżin approvat skond l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

(c) lil impjant li jiproduċi l-għalf għall-annimali domestiċi approvat skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

(e) lill-post tal-manifattura jew l-istabbiliment tal-manifattura, skond kif ikun xieraq, ta'

(i) prodotti kożmetiċi skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-apprōssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi (*)

(ii) prodotti mediċinali veterinarji skond id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (**)

(iii) prodotti mediċinali skond id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (***)

(iv) tagħmir mediku skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar it-tagħmir mediku (****) jew

(v) tagħmir djanjostiku *in-vitro* skond id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi djanjostiċi *in vitro* (*****); jew

(f) direttament għall-bejgħ fil-ħwienet fejn il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jkunu:

(i) mibgħuta f'pakketti lesti għall-bejgħ b'tikketta li jkollha indikazzjoni ċara li l-kontenut huwa maħsub biss għal:

— it-tmigħ lill-annimali domestiċi; jew bħala lixka fis-sajd

(ii) imnixxef permezz ta' trattament li huwa suffiċjenti biex joqtol l-organiżmi patoġeniċi, inkluż *is-salmonella*; jew

- (iii) fil-każ ta' prodotti sekondarji msemmija fl-Artikolu 1(2)(b), (c) u, fir-rigward tar-Rodentia, (d) iffriżat;

Mingħajr īhsara għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 811/2003 tat-12 ta' Mejju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-projbizzjoni ta' riċiklaġġ intra-speċje għall-ħut, id-dfin u l-ħruq ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u ċerti miżuri tranżitorji (****), il-prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) ta' dan ir-Regolament jistgħu jitwasslu wkoll għall-użu bħala materjal ta' għalf lil ażjenda jew stabbiliment li jżomm l-annimali akkwatiċi.

4. Is-sid, l-operatur jew ir-rappreżentant ta' l-impjanti, l-ażjendi jew l-istabbilimenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom:

- (a) Iżommu reġistri skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;
- (b) Jiżguraw li l-prodotti sekondarji ta' l-annimali jkunu soġġetti, fejn ikun xieraq, għal trattament li jissodisa l-awtoritā kompetenti f'mod li l-materjal li jirriżulta ma jirrappreżentax riskju għas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

- (c) Jibagħtu jew jużaw ulterjorment il-prodotti sekondarji ta' l-annimali esklusivament għall-iskopijiet awtorizzati mill-awtoritā kompetenti.

(*) ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169, kif l-aħħar emodata bid-Direttiva (KE) Nru 2005/80 (ĠU L 303, 22.1.2005, p. 32).

(**) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1, kif l-aħħar emodata bid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 58).

(***) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67, kif emodata l-aħħar bid-Direttiva 2003/63/KE (ĠU L 159, 27.6.2003, p. 46).

(****) ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1, kif emidata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(*****) ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1, kif emidata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(******) ĠU L 117, 13.5.2003, p. 14."

- (8) Fl-Artikolu 7(b) ir-referenza għall-“Artikolu 5(c)” tinbidel b’referenza għall-“Artikolu 5(3)”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara dik tal-pubblikkazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni*